MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru 30/2010

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)

vs

Michael Baldacchino

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 171189M, akkuzat talli f’Haz-Zabbar, f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn it-8 u d-9 ta’ Frar, 2005, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi ghamel diversi hsarat fuq il-faccata tal-fond numru 7, ‘Arcadia’, Triq il-Farfett tal-Fejgel, Haz-Zabbar, liema hsarat ghad-dannu tas-sidien ta’ l-istess fond Alfred u Tessie Pulis minn Haz-Zabbar, jammontaw ghal Euro 419.29 (erba’ mija u dsaghtax il-

Ewro u disa u ghoxrin centezmu) ekwivalenti ghal mija u tmenin Lira Maltin (Lm180).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat issibu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu li titratta hsara volontarja.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni, issibu hati. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena mill-lum sakemm ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu. Dan wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------